Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/761**

tas-17 ta' Diċembru 2019

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji

(ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1739 tal-20 ta' Novembru 2020	L 392	9	23.11.2020
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/254 tat-18 ta' Frar 2021	L 58	17	19.2.2021
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/760 tas-7 ta' Mejju 2021	L 162	25	10.5.2021
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1401 tal-25 ta' Awwissu 2021	L 302	1	26.8.2021
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1406 tas-26 ta' Awwissu 2021	L 303	4	27.8.2021
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/64 tas-17 ta' Jannar 2022	L 11	6	18.1.2022

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 296, 19.8.2021, p. 3 (2021/760)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/761

tas-17 ta' Diċembru 2019

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness I għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-perjodi tal-kwoti tariffarji;

(b) il-kwantitajiet massimi li tista' titressaq applikazzjoni għalihom;

(c) it-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni;

(d) id-dettalji li għandhom jitniżżlu f'ċerti taqsimiet tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni u tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni;

(e) l-inammissibilità ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni;

(f) il-garanzija li għandha tiġi ppreżentata mal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;

(g) il-koeffiċjent tal-allokazzjoni u s-sospensjoni tat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji;

(h) il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni;

(i) il-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni;

(j) il-prova tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;

(k) il-prova tal-oriġini;

(l) in-notifika tal-kwantitajiet lill-Kummissjoni;

(m) in-notifika lill-Kummissjoni ta' informazzjoni relatata mas-sistema elettronika LORI, iċ-ċertifikati ta' awtentiċità (CA) u ċ-ċertifikati tal-Arranġament ta' Monitoraġġ Attiv (IMA 1).

Dan jiftaħ ukoll kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għal prodotti agrikoli speċifiċi u jistipula regoli speċifiċi għall-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tariffarji.

▼B

Artikolu 2

Regoli oħra applikabbli

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ([2]) u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 u (UE) 2016/1239 għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

TITOLU II

REGOLI KOMUNI

Artikolu 3

Kwoti tariffarji elenkati fl-Anness I

1. Kull kwota tariffarja tal-importazzjoni għandha tiġi identifikata b'numru tal-ordni.

2. Il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni huma stipulati fl-Anness I flimkien mal-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni u deskrizzjoni għall-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni;

(b) is-settur tal-prodott;

(c) it-tip ta' kwota tariffarja, tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;

(d) il-metodu ta' ġestjoni;

(e) fejn applikabbli, l-obbligu għall-operaturi li jagħtu prova tal-kwantità referenzjali skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760;

(f) fejn applikabbli, l-obbligu għall-operaturi li jipprovdu prova tal-kummerċ skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760;

(g) fejn applikabbli, id-data tal-iskadenza tal-liċenzja;

(h) fejn applikabbli, l-obbligu għall-operaturi li jirreġistraw fis-sistema elettronika tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzja (LORI) imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għal-liċenzja.

Artikolu 4

Perjodu tal-kwota tariffarja

1. Il-kwoti tariffarji għandhom jinfetħu għal perjodu ta' 12-il xahar konsekuttivi (minn hawn 'il quddiem "il-perjodu tal-kwota tariffarja"). Il-perjodi tal-kwota tariffarja jistgħu jinqasmu f'subperjodi.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59).

▼B

2. Il-perjodi tal-kwota tariffarja, u fejn applikabbli, is-subperjodi u l-kwantità totali disponibbli għall-perjodu tal-kwota tariffarja huma, għal kull kwota tariffarja, stabbiliti fl-Annessi II sa XIII.

Artikolu 5

Kwantitajiet massimi li tista' titressaq applikazzjoni għalihom

1. Il-kwantità li għaliha tkun tressqet applikazzjoni m'għandhiex taqbeż il-kwantità totali disponibbli għall-perjodu jew is-subperjodu kkonċernat tal-kwota tariffarja.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-kwantità disponibbli għandha tkun il-kwantità totali mhux allokata għall-perjodu jew is-subperjodu tal-kwota tariffarja li jifdal.

3. Il-kwantità disponibbli għandha tinkludi l-kwantità li ma ntużatx fis-subperjodu preċedenti tal-kwota tariffarja.

Artikolu 6

Tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għandhom jitressqu fl-ewwel sebat ijiem kalendarji tax-xahar li jiġi qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwota tariffarja u fl-ewwel sebat ijiem kalendarji ta' kull xahar matul il-perjodu tal-kwota tariffarja, ħlief għax-xahar ta' Diċembru li matulu m'għandha titressaq l-ebda applikazzjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni li huma validi mill-1 ta' Jannar għandhom jitressqu bejn it-23 u t-30 ta' Novembru tas-sena ta' qabel.

3. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-operaturi li japplikaw għal-liċenzji għandhom iressqu applikazzjoni waħda fix-xahar u għal kull kwota tariffarja biss. Fix-xahar ta' Novembru, l-operaturi jistgħu jressqu żewġ applikazzjonijiet għal kull kwota tariffarja: applikazzjoni waħda għal-liċenzji valida minn Diċembru u applikazzjoni waħda għal-liċenzji valida minn Jannar. Għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti li jinħarġu mill-pajjiżi esportaturi u għall-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi, għandhom japplikaw l-Artikoli 71 u 72, rispettivament.

4. Jekk applikant iressaq aktar applikazzjonijiet għal kwota tariffarja mill-għadd massimu stabbilit fil-paragrafu 3, l-ebda waħda mill-applikazzjonijiet ippreżentati għall-kwota tariffarja m'għandha tkun ammissibbli u l-garanzija ddepożitata għandha tintilef.

5. B'deroga mill-paragrafu 3, meta kwota tariffarja tkopri kodiċijiet NM, oriġini differenti jew rati ta' dazju differenti, l-operaturi jistgħu japplikaw għall-kodiċijiet NM jew pajjiżi ta' oriġini differenti jew rati ta' dazju differenti fix-xahar. Tali applikazzjonijiet għandhom jitressqu fl-istess ħin. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom iqisuhom bħala applikazzjoni waħda.

▼B

Artikolu 7

Dettalji li għandhom jitniżżlu f'ċerti taqsimiet tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. It-taqsimiet li ġejjin tal-formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u l-esportazzjoni stipulati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 għandhom jimtlew kif ġej:

(a) fit-Taqsima 20 tal-formola tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni, għandu jiġi indikat dan li ġej:

(i) in-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni;

(ii) id-dazju doganali ad valorem u speċifiku ("dazju doganali fil-kwota") applikabbli għall-prodott ikkonċernat;

(b) meta jkun speċifikat fl-Annessi II sa XIII ta' dan ir-Regolament, fit-Taqsima 7 tal-formola tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni, il-pajjiż tad-destinazzjoni għandu jiġi indikat u l-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata;

(c) meta jkun speċifikat fl-Annessi II sa XIII ta' dan ir-Regolament, fit-taqsima 8 tal-formola tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni, il-pajjiż tal-oriġini għandu jiġi indikat u l-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata.

2. L-Istati Membri li għandhom sistema elettronika ta' applikazzjoni u reġistrazzjoni għandhom jirreġistraw id-dettalji msemmija fil-paragrafu 1 f'dik is-sistema.

Artikolu 8

Inammissibilità ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji li ma jkunux kompluti jew li ma jikkonformawx mal-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

2. Meta l-awtorità li toħroġ il-liċenzji tiddikjara l-applikazzjoni għal-liċenzja inammissibbli, din għandha tinnotifika lill-operatur bil-miktub dwar id-deċiżjoni tagħha fir-rigward tal-inammissibbiltà tal-applikazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni. Tali notifika għandha tipprovdi lill-operatur informazzjoni dwar id-drittijiet tal-appell kontra d-deċiżjoni ta' inammissibbiltà, dwar il-proċedura applikabbli u l-limiti ta' żmien għall-appell.

3. L-ebda applikazzjoni għal liċenzja m'għandha tiġi ddikjarata inammissibbli minħabba żbalji klerikali żgħar li ma jibdlux l-elementi essenzjali tal-applikazzjoni.

4. L-aġenti doganali jew ir-rappreżentanti doganali tal-applikant m'għandhomx ikunu intitolati biex japplikaw għal liċenzji taħt kwoti tariffarji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn m'għandhomx ikunu detenturi titolari ta' liċenzji li jinħarġu skont dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 9

Garanzija li għandha tiġi ddepożitata mal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

Meta l-ħruġ ta' liċenzja jkun soġġett għad-depożitu ta' garanzija skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760, l-applikant għandu jiddepożita l-garanzija mal-awtorità li toħroġ il-liċenzji qabel tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni fl-ammont stabbilit għal kull kwota tariffarja fl-Annessi II sa XIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Koeffiċjent tal-allokazzjoni u sospensjoni tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji

1. Ħlief għal kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi u kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tikkalkula koeffiċjent tal-allokazzjoni għal kull kwota tariffarja. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-koeffiċjent għall-kwantitajiet koperti minn kull applikazzjoni għal liċenzja nnotifikata lill-Kummissjoni. Il-koeffiċjent ta' allokazzjoni għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri u permezz tal-metodu stabbilit fil-paragrafu 3.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal kull kwota tariffarja permezz ta' pubblikazzjoni xierqa fuq l-internet sa mhux aktar tard mit-22 jum tax-xahar li fih l-Istati Membri jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li għalihom tkun tressqet applikazzjoni. Meta l-applikazzjoni tkun tressqet bejn it-23 u t-30 ta' Novembru, il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għandu jiġi ppubblikat sa mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru.

3. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fit-Titolu III, il-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal-liċenzji m'għandux jaqbeż il-100 %, u għandu jiġi kkalkolat kif ġej: [(kwantità disponibbli/kwantità mitluba) × 100] %. Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għandu jitqarreb għal sitt ċifri. Il-Kummissjoni għandha taġġusta l-koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex tiżgura li l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu jew is-subperjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma jinqabżux.

4. Jekk il-kwantità tal-kwota għal subperjodu jew skont is-sistema ta' applikazzjoni ta' kull xahar tiġi eżawrita, il-Kummissjoni għandha tissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet ulterjuri sa tmiem il-perjodu jew is-subperjodu tal-kwota tariffarja. Is-sospensjoni għandha titneħħa meta l-kwantitajiet isiru disponibbli fl-istess perjodu tal-kwota tariffarja wara n-notifika tal-kwantitajiet mhux użati. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji tal-Istati Membri dwar is-sospensjoni, it-tneħħija tagħha u l-kwantità disponibbli fi ħdan kwota tariffarja permezz ta' pubblikazzjoni xierqa fuq l-internet.

5. Il-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet ikkalkolati billi l-kwantitajiet fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent ta' allokazzjoni. Il-kwantità li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni għandha titqarreb għall-eqreb unità.

▼B

6. Il-kwantitajiet li ma jiġux allokati jew li ma jintużawx matul subperjodu għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-informazzjoni nnotifikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Tali kwantitajiet għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għar-ridistribuzzjoni matul l-istess perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni.

7. Qabel ma jiġi kkalkolat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa r-reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760, il-Kummissjoni tista' titlob lill-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzji biex tivverifika r-rekord LORI tal-applikanti. Tali talba għandha ssir sal-15-il jum, fis-13.00, ħin ta' Brussell, tax-xahar li fih l-Istati Membri jkunu nnotifikaw il-kwantitajiet li għalihom tkun tressqet applikazzjoni. Madankollu, għall-kwantitajiet innotifikati sas-6 ta' Diċembru, tali talba għandha ssir sat-8 ta' Diċembru, fis-13.00, ħin ta' Brussell. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni indirizz elettroniku li fuqu għandhom jintbagħtu t-talbiet.

8. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom iwieġbu għat-talbiet tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 7 qabel il-21 jum, fis-13.00, ħin ta' Brussell, tax-xahar ta' wara t-talba.

9. Għan-notifiki ppreżentati sat-8 ta' Diċembru, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha twieġeb qabel is-7 ta' Jannar, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

10. Meta l-awtorità li toħroġ il-liċenzji ma tweġibx lill-Kummissjoni fil-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafi 8 u 9, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji m'għandha taċċetta l-ebda applikazzjoni oħra li titressaq mill-operatur ikkonċernat.

Artikolu 11

Ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni

1. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal liċenzji li jinħarġu għal kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi u għal kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi.

2. Il-liċenzji għandhom jinħarġu biss għall-applikazzjonijiet innotifikati lill-Kummissjoni.

3. Il-liċenzji għandhom jinħarġu wara li l-Kummissjoni tippubblika l-koeffiċjent tal-allokazzjoni u qabel l-aħħar tax-xahar.

Jekk, minħabba ċirkostanzi mhux previsti, il-Kummissjoni ma tippubblikax il-koeffiċjent tal-allokazzjoni fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(2), il-liċenzji għandhom jinħarġu sa mhux aktar tard mis-seba' jum kalendarju wara l-jum li fih il-Kummissjoni tkun ippubblikat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni.

4. Il-liċenzji li huma validi mill-1 ta' Jannar għandhom jinħarġu fil-perjodu bejn il-15 u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Jekk, minħabba ċirkostanzi mhux previsti, il-Kummissjoni ma tippubblikax il-koeffiċjent tal-allokazzjoni fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(2), il-liċenzji għandhom jinħarġu sa mhux aktar tard mill-14-il jum kalendarju wara l-jum li fih il-Kummissjoni tkun ippubblikat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni. Jekk id-data tal-ħruġ tagħhom tkun wara l-1 ta' Jannar, il-liċenzji għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom, mingħajr bidla fl-aħħar jum tal-validità.

▼B

Artikolu 12

Dettalji li għandhom jitniżżlu f'ċerti taqsimiet tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. It-taqsimiet li ġejjin tal-formoli tal-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 għandhom jimtlew kif ġej:

(a) it-Taqsima 20 tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika n-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni;

(b) it-Taqsima 24 tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika d-dazju doganali ad valorem u speċifiku ("dazju doganali fil-kwota") applikabbli għall-prodott ikkonċernat;

(c) meta jkun speċifikat fl-Annessi II sa XIII ta' dan ir-Regolament, it-Taqsima 8 tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini u l-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata;

(d) it-Taqsima 19 tal-liċenzja tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għandha tindika tolleranza żejda ta' 0; ħlief għall-prodotti soġġetti għal liċenzja tal-importazzjoni elenkati fil-Parti I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, li għalihom it-tolleranza fuq l-eċċess għandha tkun ta' 5 % u t-Taqsima 24 tal-liċenzja għandu jkun fiha d-dikjarazzjoni "Dazju fil-kwota applikabbli għall-kwantità speċifikata fit-Taqsimiet 17 u 18" ([3]);

([3])
— Bil-Bulgaru: Мито в рамките на квотата, което се прилага спрямо количеството, посочено в раздели 17 и 18
— Bl-Ispanjol: Derecho contingentario aplicable a la cantidad indicada en las secciones 17 y 18
— Biċ-Ċek: Clo v rámci kvóty uplatňované na množství uvedené v kolonkách 17 a 18
— Bid-Daniż: Toldsats inden for kontingentet gældende for den mængde, der er angivet i afdeling 17 og 18
— Bil-Ġermaniż: Kontingentszollsatz für die in den Feldern 17 und 18 angegebene Menge
— Bl-Estonjan: Punktides 17 ja 18 nimetatud koguse suhtes kohaldatav kvoodijärgne tollimaksumäär
— Bil-Grieg: Εντός ποσόστωσης δασμός που εφαρμόζεται στην ποσότητα η οποία αναγράφεται στις θέσεις 17 και 18
— Bl-Ingliż: In-quota duty applicable to the quantity specified in Sections 17 and 18
— Bil-Franċiż: Droit contingentaire applicable à la quantité spécifiée aux Sections 17 et 18
— Bil-Kroat: stopa carine unutar kvote koja se primjenjuje na količinu navedenu u odjeljcima 17. i 18
— Bit-Taljan: Dazio contingentale applicabile al quantitativo specificato nelle sezioni 17 e 18
— Bil-Latvjan: Kvotas maksājuma likme, kas piemērojama 17. un 18. ailē norādītajam daudzumam
— Bil-Litwan: muitas, taikomas 17 ir 18 skyriuose nurodytiems kvotos neviršijantiems kiekiams
— Bl-Ungeriż: A 17. és 18. szakaszban meghatározott mennyiségre alkalmazandó vámkontingensen belüli vámtétel
— Bil-Malti: Dazju fil-kwota applikabbli għall-kwantità speċifikata fit-Taqsimiet 17 u 18
— Bl-Olandiż: Het contingentrecht geldt voor de in de vakken 17 en 18 vermelde hoeveelheid
— Bil-Pollakk: stawka celna w ramach kontyngentu mająca zastosowanie do ilości określonej w sekcjach 17 i 18
— Bil-Portugiż: Direito dentro do contingente aplicável à quantidade especificada nas casas 17 e 18
— Bir-Rumen: Taxă vamală contingentară aplicabilă cantităţii specificate în secţiunile 17 și 18
— Bis-Slovakk: Clo v rámci kvóty uplatniteľné na množstvo uvedené v oddieloch 17 a 18
— Bis-Sloven: Dajatev v okviru kvote, ki se uporablja za količino iz oddelkov 17 in 18
— Bil-Finlandiż: 17 ja 18 kohdassa tarkoitettuun määrään sovellettava kiintiötulli
— Bl-Iżvediż: Tillämplig tullsats inom kvoten för den kvantitet som anges i fälten 17 och 18

▼B

(e) it-Taqsima 24 tal-liċenzja tal-importazzjoni jew it-Taqsima 22 tal-liċenzja tal-esportazzjoni għandu jkun fiha d-dikjarazzjoni li "l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1182/71 m'għandux japplikax" ([4]) meta l-perjodu ta' validità ta' dik il-liċenzja jintemm fl-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

2. L-Istati Membri li għandhom sistema elettronika ta' applikazzjoni u reġistrazzjoni għandhom jirreġistraw dawn id-dettalji fis-sistema.

Artikolu 13

Perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill ([5]) m'għandux japplika għad-determinazzjoni tal-perjodu ta'validità tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni.

2. Il-liċenzji li jinħarġu għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ġestiti bil-metodu ta' eżami simultanju msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 184(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li huma stipulati fl-Anness I, għandhom ikunu validi:

(a) mill-ewwel jum kalendarju tal-perjodu tal-kwota tariffarja, fil-każ ta' applikazzjonijiet li jitressqu qabel il-perjodu tal-kwota tariffarja, sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja;

([4])
— Bil-Bulgaru: Член 3, параграф 4 от Регламент (ЕИО, Евратом) № 1182/71 не се прилага
— Bl-Ispanjol: No es de aplicación el artículo 3, apartado 4, del Reglamento (CEE, Euratom) n.º 1182/71
— Biċ-Ċek: Ustanovení čl. 3 odst. 4 nařízení (EHS, Euratom) č. 1182/71 se nepoužije
— Bid-Daniż: Artikel 3, stk. 4, i forordning (EØF, Euratom) nr. 1182/71 finder ikke anvendelse
— Bil-Ġermaniż: Artikel 3 Absatz 4 der Verordnung (EWG, Euratom) Nr. 1182/71 kommt nicht zur Anwendung
— Bl-Estonjan: Määruse (EMÜ, Euratom) nr 1182/71 artikli 3 lõiget 4 ei kohaldata
— Bil-Grieg: Το άρθρο 3 παράγραφος 4 του κανονισμού (ΕΟΚ, Ευρατόμ) αριθ. 1182/71 δεν εφαρμόζεται
— Bl-Ingliż: Article 3(4) of Regulation (EEC, Euratom) No 1182/71 shall not apply
— Bil-Franċiż: L'article 3, paragraphe 4, du règlement (CEE, Euratom) nº 1182/71 ne s'applique pas
— Bil-Kroat: Članak 3. stavak 4. Uredbe (EEZ, Euratom) br. 1182/71 se ne primjenjuje
— Bit-Taljan: L'articolo 3, paragrafo 4, del regolamento (CEE, Euratom) n. 1182/71 non si applica
— Bil-Latvjan: Regulas (EEK, Euratom) Nr. 1182/71 3. panta 4. punktu nepiemēro
— Bil-Litwan: Reglamento (EEB, Euratom) Nr. 1182/71 3 straipsnio 4 dalis netaikoma
— Bl-Ungeriż: Az 1182/71/EGK, Euratom rendelet 3. cikkének (4) bekezdését nem kell alkalmazni
— Bil-Malti: L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 ma għandux japplika
— Bl-Olandiż: Artikel 3, lid 4, van Verordening (EEG, Euratom) nr. 1182/71 is niet van toepassing
— Bil-Pollakk: Artykuł 3 ust. 4 rozporządzenia (EWG, Euratom) nr 1182/71 nie ma zastosowania
— Bil-Portugiż: O artigo 3.º, n.º 4, do Regulamento (CEE, Euratom) n.º 1182/71 não é aplicável
— Bir-Rumen: Articolul 3 alineatul 4 din Regulamentul (CEE, Euratom) nr. 1182/71 nu se aplică
— Bis-Slovakk: Článok 3 ods. 4 nariadenia (EHS, Euratom) č. 1182/71 sa neuplatňuje
— Bis-Sloven: Člen 3(4) Uredbe (EGS, Euratom) št. 1182/71 se ne uporablja
— Bil-Finlandiż: Asetuksen (ETY, Euratom) N:o 1182/71 3 artiklan 4 kohtaa ei sovelleta
— Bl-Iżvediż: Artikel 3.4 i förordning (EEG, Euratom) nr 1182/71 skall inte tillämpas.

([5]) Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).

▼B

(b) mill-ewwel jum kalendarju tax-xahar wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjonijiet li jitressqu matul il-perjodu tal-kwota tariffarja sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja;

(c) mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara fil-każ ta' applikazzjonijiet li jitressqu bejn it-23 u t-30 ta' Novembru tas-sena ta' qabel, sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja.

3. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-Titolu III jew fl-Anness I, jekk il-perjodu tal-kwota tariffarja jinqasam f'subperjodi, il-liċenzji li jinħarġu għal subperjodu għandhom jiskadu fl-aħħar jum kalendarju tax-xahar ta' wara t-tmiem ta' dak is-subperjodu iżda mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja.

4. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-Titolu III, il-liċenzji li jinħarġu għal kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sa 23.59 (ħin ta' Brussell) tat-30 jum kalendarju wara l-aħħar jum tal-validità taċ-ċertifikati IMA 1 jew CA li għalihom ikunu nħarġu. Dak il-perjodu ta' validità m'għandux jaqbeż it-tmiem tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

5. Il-liċenzji għall-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sal-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ tagħhom, ħlief għal-liċenzji li jinħarġu mill-20 ta' Diċembru sal-31 ta' Diċembru, li għandhom ikunu validi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

6. Jekk il-perjodu ta' validità ta' liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għal kwota tariffarja jiġi estiż minħabba *force majeure* kif previst fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, l-estensjoni m'għandhiex taqbeż il-perjodu tal-kwota tariffarja.

Artikolu 14

Prova tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera u esportazzjoni

1. Il-kwantitajiet li ma jiġux rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew li ma jiġux esportati sa tmiem il-perjodu ta' validità tal-liċenzja għandhom jitqiesu bħala kwantitajiet mhux użati.

2. Għandha tingħata prova tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera kif ukoll prova tal-esportazzjoni u tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

Artikolu 15

Prova tal-oriġini

1. Meta jkun meħtieġ mill-Annessi II sa XIII, għandha tiġi ppreżentata prova valida tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien ma' dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodotti kkonċernati. Id-dokumenti meħtieġa għall-prova tal-oriġini huma elenkati għal kull kwota tariffarja f'dawk l-Annessi.

▼B

2. F'każijiet speċifiċi, stipulati fl-Annessi II sa XIII, il-prova tal-oriġini għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni.

3. Jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet doganali jistgħu jirrikjedu wkoll li d-dikjarant jew l-importatur jipprova l-oriġini tal-prodotti skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 16

Notifiki tal-kwantitajiet lill-Kummissjoni

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-Titolu III, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet totali, koperti minn applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għal kull kwota tariffarja:

(a) ►M3 mhux aktar tard minn ◄ l-14-il jum ta' xahar, fejn l-applikazzjonijiet għal liċenzja jitressqu fl-ewwel sebat ijiem kalendarji ta' xahar;

(b) ►M3 mhux aktar tard minn ◄ is-6 ta' Diċembru, meta l-applikazzjonijiet għal liċenzja jitressqu mit-23 sat-30 ta' Novembru.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet koperti minn liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni li jkunu ħarġu għal kull kwota tariffarja:

(a) ►M3 mhux aktar tard minn ◄ l-aħħar jum tax-xahar, fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għal kwota tariffarja jitressqu fl-ewwel sebat ijiem kalendarji tax-xahar;

(b) ►M3 mhux aktar tard minn ◄ il-31 ta' Diċembru, fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għal kwota tariffarja jitressqu mit-23 sat-30 ta' Novembru;

(c) ►M3 mhux aktar tard minn ◄ l-10 jum tax-xahar ta' wara l-ħruġ fil-każ ta' liċenzji tal-importazzjoni li jinħarġu abbażi ta' dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(3), in-notifika għandha tiġi ppreżentata fi żmien sebat ijiem mill-jum li fih il-Kummissjoni tkun ippubblikat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4), in-notifika għandha titressaq fi żmien 14-il jum mill-jum li fih il-Kummissjoni tkun ippubblikat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni.

4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet mhux użati koperti minn liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni maħruġa. Il-kwantitajiet mhux użati għandhom jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq wara tal-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu dawk il-liċenzji.

5. Il-kwantitajiet mhux użati koperti minn liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur jew 210 jum kalendarju rispettivament, wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità tal-liċenzji kkonċernati.

▼B

6. Meta l-perjodu tal-kwota tariffarja jkun jinqasam f'subperjodi, il-kwantitajiet mhux użati għandhom jiġu nnotifikati flimkien man-notifika msemmija fil-paragrafu 2(a) għall-aħħar subperjodu.

7. Il-kwantitajiet għandhom jiġu espressi f'kilogrammi tal-piż tal-prodott u għandhom jinqasmu skont in-numru tal-ordni u l-oriġini, fejn applikabbli.

▼M6

8. Għan-notifiki lill-Kummissjoni msemmija f'dan ir-Regolament u relatati mal-kwoti tariffarji taċ-ċanga u l-vitella bin-numri tal-ordni 09.4450, 09.4451, 09.4452, 09.4453, 09.4454, 09.4002, 09.4003, 09.4455, 09.4001 u 09.4004, il-kwantitajiet għandhom jiġu espressi f'kilogrammi tal-piż tal-prodott, għal kull pajjiż tal-oriġini u għal kull kategorija ta' prodott kif indikat fil-Parti B tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament. Madankollu, għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4003 il-pajjiż tal-oriġini ma għandux għalfejn jiġi nnotifikat.

▼B

9. L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 għandu japplika għall-perjodi u l-limiti ta' żmien stipulati f'dan l-Artikolu.

Artikolu 17

Notifiki lill-Kummissjoni dwar informazzjoni relatata mas-sistema elettronika LORI, ċertifikati ta' awtenticità u ċertifikati IMA 1

1. Mit-8 sas-16-il jum tax-xahar ta' wara tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-isem, in-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI) u l-indirizz tad-detenturi tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwoti tariffarji li jirrikjedu reġistrazzjoni obbligatorja tal-operaturi u fejn applikabbli, taċ-ċessjonarju.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kull validazzjoni, ċaħda jew irtirar ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI.

3. Meta jinnotifikaw il-validazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI, l-Istati Membri għandhom jissottomettu d-*data* meħtieġa mill-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla li ssir mill-operaturi fir-rekord LORI tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għal kull operatur irreġistrat fis-sistema elettronika LORI, dwar kull applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni, bil-kwota tariffarja kkonċernata, bil-kodiċijiet NM, bil-kwantitajiet li għalihom tkun tressqet applikazzjoni u bid-data tal-applikazzjoni:

(a) ►**M3** mhux aktar tard minn ◄ l-14-il jum ta' xahar, meta l-applikazzjonijiet għal liċenzja jitressqu fl-ewwel sebat ijiem kalendarji ta' xahar;

(b) ►**M3** mhux aktar tard minn ◄ is-6 ta' Diċembru, meta l-applikazzjonijiet għal liċenzja jitressqu mit-23 sat-30 ta' Novembru.

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għal kull ċertifikat ta' awtenticità jew ċertifikat IMA 1 li jitressaq minn operatur fir-rigward ta' kwoti tariffarji ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi, dwar l-għadd tal-liċenzja korrispondenti li jkunu ħarġu u l-kwantità koperta minn dik il-liċenzja. In-notifika għandha ssir qabel ma l-liċenzja li tkun inħarġet tkun disponibbli għall-operatur.

▼B

7. B’deroga mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71, fejn il-perjodi u l-limiti ta’ żmien huma stabbiliti f’dan l-Artikolu, dawk il-perjodi u l-limiti ta’ żmien għandhom jintemmu meta tiskadi l-aħħar siegħa tal-aħħar jum, irrispettivament minn jekk dik il-ġurnata tkunx is-Sibt, il-Ħadd jew btala pubblika kif definit f’dak ir-Regolament.

8. In-notifiki lill-Kummissjoni msemmija f’dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 ([6]) u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([7]).

TITOLU III

REGOLI SETTORJALI SPEĊIFIĊI

KAPITOLU 1

Ċereali

Taqsima 1

Ċereali għajr il-qamħirrun u s-sorgu msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Artikolu 18

Kwoti tariffarji

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE ([8]) u l-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li ġie approvat bid-Deċiżjoni 2006/333/KE ([9]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta’ qamħirrum, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan ir-Regolament.

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta’ April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta’ informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100).

([7]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta’ April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE (tat-22 ta’ Diċembru 1994) dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x’jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta’ negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta’ konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13).

▼B

Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tan-negozjati tal-Artikolu XXIV:6 tal-GATT approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/444/KE ([10]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri minn pajjiżi terzi, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-volum ta' kull kwota tariffarja, il-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni li għalihom tapplika u n-numru tal-ordni huma speċifikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Standards ta' kwalità

L-istandards tal-kwalità u t-tolleranzi applikabbli għall-qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1001 99 00, għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2010. ([11]) Għandhom japplikaw il-metodi tal-analiżi previsti fil-Parti II tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 ([12]).

Artikolu 20

Regoli speċifiċi applikabbli għall-kwoti tariffarji skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv mal-Kanada

Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' qamħ komuni li joriġina mill-Kanada, ta' kwalità differenti minn dik superjuri għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oriġini. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandha tingħata fuq fattura jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju b'dettalji suffiċjenti li jippermettu li jiġi identifikat. It-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jkun dak stipulat fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra ([13]).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/444/KE tat-22 ta' Frar 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tan-Negozjati rigward l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT (ĠU L 169 29.6.2007, p. 53).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent pubbliku u ta' għajnuna għall-ħżin privat (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 71).

([13]) ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23.

▼B

Taqsima 2

Qamħirrum u sorgu msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Artikolu 21

Perjodu ta' applikazzjoni għal liċenzja

Mid-data tal-applikazzjoni tad-dazju żero tal-importazzjoni msemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-qamħirrun u s-sorgu msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli u Portugiżi bejn is-7 u l-11 ta' kull xahar sa mhux aktar tard mis-13.00 (ħin ta' Brussell).

▼M3

Artikolu 22

Kontenut tal-applikazzjoni u tal-liċenzja

L-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u l-liċenzja għandhom fil-każijiet kollha jsemmu fit-Taqsima 24 waħda mill-entrati elenkati fl-Anness XIV.

▼B

Artikolu 23

Notifiki lill-Kummissjoni

Mid-data tal-applikazzjoni tad-dazju żero tal-importazzjoni msemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760, l-awtoritajiet kompetenti Spanjoli u Portugiżi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, permezz ta' għodod elettroniċi:

(a) sa mhux aktar tard mis-18.00 (ħin ta' Brussell) fil-15-il jum ta' kull xahar, dwar il-kwantitajiet totali koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji skont in-numru tal-ordni;

(b) qabel tmiem ix-xahar, dwar il-kwantitajiet totali bil-kodiċi NM li għalihom ikunu nħarġu liċenzji tal-importazzjoni.

Artikolu 24

Koeffiċjent tal-allokazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-koeffiċjent tal-allokazzjoni lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji sa mhux aktar tard mit-22 jum tax-xahar li fih l-Istati Membri jkunu nnotifikaw il-kwantitajiet li għalihom tkun tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 23.

Artikolu 25

Il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni

Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli u Portugiżi bejn it-23 jum u l-aħħar jum ta' kull xahar.

▼B

Artikolu 26

Validità ta' liċenzja

B'deroga mill-Artikolu 13, il-liċenzji għandhom ikunu validi mill-jum li fih jinħarġu sa tmiem it-tieni xahar wara dak il-jum.

KAPITOLU 2

Ross

Artikolu 27

Kwoti tariffarji u allokazzjoni ta' kwantitajiet

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 ([14]), u bir-riżultati ta' konsultazzjonijiet mat-Tajlandja approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE ([15]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ross, ross meħluf u ross imfarrak, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-volum ta' kull kwota tariffarja, il-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni li għalihom tapplika kif ukoll in-numru tal-ordni huma speċifikati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Il-kwantitajiet disponibbli għandhom jiġu stabbiliti għal kull subperjodu, kif speċifikat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-Artikolu 13, il-liċenzji maħruġa fl-aħħar subperjodu għal kwoti tariffarji tal-importazzjoni bin-numru tal-ordni 09.4127, 09.4128 ►M6 ———— ◄ u 09.4130 għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja.

Kull kwantità mhux użata taħt il-kwoti tariffarji bin-numru tal-ordni 09.4112, 09.4116, 09.4117, 09.4118, 09.4119, 09.4127, 09.4128, ►M6 ———— ◄ 09.4130 09.4148, 09.4166 ►M3 , 09.4168, 09.4729, 09.4730 u 09.4731 ◄ f'subperjodu għandha tiġi ttrasferita għas-subperjodi sussegwenti speċifikati fl-Anness III. L-ebda kwantità m'għandha tiġi ttrasferita għall-perjodu tal-kwota li jkun imiss.

▼M6

Il-kwantitajiet bin-numri tal-ordni tal-kwoti tariffarji 09.4127, 09.4128, u 09.4130 li ma jkunux intużaw jew allokati matul is-subperjodi preċedenti għandhom jiġu ttrasferiti għan-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja 09.4138 mill-1 ta' Ottubru ta' kull sena. Dan għandu japplika wkoll għal kwantitajiet taħt il-kwota tariffarja numru 09.4129 li ma jkunux allokati qabel l-1 ta' Settembru jew li ma jkunux intużaw qabel l-1 ta' Ottubru.

▼M3

Għall-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.4729, 09.4730 u 09.4731 l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, f'konformità mal-Artikolu 16, lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet f'piż tal-prodott u l-Kummissjoni għandha tittrasforma dawn il-kwantitajiet f'ekwivalenti ta' piż speċifikat fl-Anness III.

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 (ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE tat-13 ta' Mejju 1996 dwar il-konklużjoni tar-riżultati ta' konsultazzjonijiet mat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT (ĠU L 122, 22.5.1996, p. 15).

▼B

Artikolu 28

Dokumenti tal-esportazzjoni

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni li jitressqu għar-ross u r-ross imfarrak taħt il-kwoti tariffarji 09.4127, 09.4128, 09.4129 u 09.4149 għandhom ikunu akkumpanjati mill-kopja oriġinali taċ-ċertifikat tal-esportazzjoni, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV.2. Iċ-ċertifikati tal-esportazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-pajjiżi terzi indikati fihom. Il-kwantità indikata fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ma tistax taqbeż il-kwantità indikata fil-liċenzji tal-esportazzjoni.

Artikolu 29

Kontenut tal-liċenzja

Fil-liċenzja tal-importazzjoni għan-numri tal-ordni kollha stabbiliti fl-Anness III, ħlief għan-numri tal-ordni 09.4138, 09.4148, 09.4166 ►M3 , 09.4168, 09.4119, 09.4130 u 09.4154 ◄, il-pajjiż tal-oriġini għandu jiġi indikat fit-Taqsima 8, u l-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata.

▼M3

B'deroga mill-Artikolu 6(5), l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-kwoti tariffarji 09.4729, 09.4730 u 09.4731 għandhom jirreferu għal numru tal-ordni wieħed biss u għal kodiċi tan-NM wieħed biss. Id-deskrizzjoni tal-prodotti u l-kodiċi tan-NM tagħhom għandhom jissemmew fit-Taqsimiet 15 u 16, rispettivament, tal-applikazzjoni tal-liċenzja.

Artikolu 29a

Ċertifikat tal-awtentiċità

1. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità, maħruġ minn korp kompetenti tal-Vjetnam elenkat fl-Anness III, li jiddikjara li r-ross jappartjeni għal waħda mill-varjetajiet speċifiċi ta' ross fragranti stabbilit għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4731 għandu jitfassal fuq formola f'konformità mal-kampjun stabbilit fl-Anness XIV.2 ROSS — Parti D. Oriġini Vjetnam. Il-formoli għandhom ikunu stampati u kkompletati bl-Ingliż.

2. Kull ċertifikat tal-awtentiċità għandu jkollu numru tas-serje individwali allokat mill-awtoritajiet tal-ħruġ fil-kaxxa ta' fuq tal-lemin. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tal-oriġinal.

3. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità għandu jkun validu għal 120 jum mid-data tal-ħruġ. Għandu jkun validu biss jekk il-kaxxi jkunu mimlija kif suppost u jkun iffirmat. Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandhom jitqiesu li ġew iffirmati kif suppost jekk ikunu jinkludu d-data u l-post tal-ħruġ kif ukoll it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni awtorizzati li jiffirmawhom.

4. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet doganali sabiex tiġi vverifikata l-eżistenza tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex wieħed jibbenefika mill-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4731. Il-korp kompetenti tal-Vjetnam elenkat fl-Anness III, għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni rilevanti, li tista' tassisti fil-verifika tal-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati tal-awtentiċità, b'mod partikolari kampjuni tat-timbri li tkun użat.

▼B

KAPITOLU 3

Zokkor

Artikolu 30

Kwoti tariffarji

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE u r-Regolament (KE) Nru 1095/96, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' zokkor, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li ġie approvat mill-Kunsill u mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/239/KE, Euratom ([16]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' zokkor, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Skont il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u r-Repubblika tal-Albanija sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/330/KE ([17]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' zokkor, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tas-Serbja, li ġie approvat mill-Kunsill u mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/490/UE, Euratom ([18]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' zokkor, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Bożnija-Ħerzegovina, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 ([19]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' zokkor, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

([16]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2004/239/KE tat-23 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra (ĠU L 84, 20.3.2004, p. 1).

([17]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/330/KE tal-15 ta' Settembru 2008 dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 107, 28.4.2009, p. 1).

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2013/490/UE, Euratom tat-22 ta' Lulju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 14).

([19]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 12, 17.1.2017, p. 1).

▼B

Il-kwoti tariffarji taz-zokkor u l-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom huma stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 31

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "piż tel. quel" tfisser il-piż taz-zokkor fl-istat naturali;

(2) "raffinar" tfisser l-ipproċessar ta' zokkor mhux raffinat f'zokkor abjad kif iddefinit fil-punti 1 u 2 tat-Taqsima A tal-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u kwalunkwe operazzjoni teknika ekwivalenti applikata għaz-zokkor abjad bil-kwantità.

Artikolu 32

Validità tal-liċenzja

B'deroga mill-Artikolu 13, il-liċenzja tal-importazzjoni għandha tkun valida sal-aħħar tat-tielet xahar wara x-xahar li fih tkun inħarġet. Din għandha f'kull każ tiskadi sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru.

Artikolu 33

Notifiki

Qabel l-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantità totali ta' zokkor li fil-fatt ikun ġie importat, imqassma skont in-numru tal-ordni, il-pajjiż tal-oriġini, il-kodiċi NM bi tmien ċifri u espressa f'kilogrammi f'piż tel quel.

Artikolu 34

Obbligi marbuta mal-kwoti tariffarji taz-zokkor tad-WTO

1. Għal kwoti tariffarji taz-zokkor bin-numri tal-ordni 09.4317, 09.4318, 09.4319, 09.4320, 09.4329 u 09.4330, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għandu jkun soġġett għall-proċedura ta' użu aħħari għar-raffinar imsemmija fl-Artikolu 210 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(b) b'deroga mill-Artikolu 239 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([20]), l-obbligu tar-raffinar m'għandux jiġi ttrasferit lil persuna oħra ġuridika jew fiżika;

([20]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

▼B

(c) ir-raffinar għandu jseħħ f'perjodu ta' 180 jum mir-rilaxx taz-zokkor għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;

(d) meta l-qari polarimetriku taz-zokkor mhux raffinat importat jiddevja minn 96 grad, l-ammont korrispondenti tad-dazju tal-importazzjoni għandu jiżdied jew jitnaqqas, kif ikun xieraq, b'0.14 % għal kull deċimu ta' grad differenza stabbilit;

(e) "zokkor maħsub biex jiġi rraffinat" għandu jiddaħħal fit-Taqsima 20 tal-formola tal-applikazzjoni u tal-liċenzja.

2. Għall-kwoti tariffarji taz-zokkor bin-numri tal-ordni 09.4317, 09.4318, 09.4319, 09.4320, 9.4321, 09.4329 u 09.4330, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness XIV.3, Parti A ta' dan ir-Regolament għandha tkun indikata fit-Taqsima 20 tal-formola tal-applikazzjoni u l-liċenzja.

Artikolu 35

Kwoti tariffarji taz-zokkor bin-numri tal-ordni 09.4324, 09.4325, 09.4326 u, 09.4327

Għall-kwoti tariffarji taz-zokkor bin-numri tal-ordni 09.4324, 09.4325, 09.4326 u 09.4327, għandu japplika dan li ġej:

(1) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati mill-kopja oriġinali tal-liċenzja tal-esportazzjoni skont il-mudell imsemmi fl-Anness XIV.3 Parti C, li tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat. Il-kwantità ddikjarata fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ma tistax taqbeż il-kwantità indikata fil-liċenzji tal-esportazzjoni;

(2) waħda mill-entrati elenkati fl-Anness XIV.3 Parti B għandha tiġi indikata fit-Taqsima 20 tal-formola tal-applikazzjoni u tal-liċenzja.

KAPITOLU 4

Żejt taż-żebbuġa

Artikolu 36

Kwoti tariffarji

Skont il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra li ġie approvat mid-Deċiżjoni 98/238/KE, KEFA tal-Kunsill u l-Kummissjoni [21], huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żejt taż-żebbuġa verġni, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Il-volum ta' kull kwota tariffarja, il-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni li għalihom tapplika kif ukoll in-numru tal-ordni huma speċifikati fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

[21] Id-Deċiżjoni 98/238/KE, KEFA tal-Kunsill u l-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 1998 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Euro-Mediterranju li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 97, 30.3.1998, p. 1).

▼B

KAPITOLU 5

Frott u ħaxix

Taqsima 1

Tewm

Artikolu 37

Kwoti tariffarji

Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 għall-modifika tal-konċessjonijiet fir-rigward tat-tewm previst fl-Iskeda CXL mehmuż mal-GATT li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/404/KE ([22]), il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/398/KE ([23]), u l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1885 ([24]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tewm frisk jew imkessaħ, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Il-volum ta' kull kwota tariffarja, il-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni li għalihom tapplika u n-numru tal-ordni huma speċifikati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

▼M4

———————

([22]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/404/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 għall-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet fir-rigward tat-tewm previst fl-Iskeda CXL annessa mal-GATT (ĠU L 142, 29.5.2001, p. 7).

([23]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/398/KE tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 22).

([24]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1885 tat-18 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja tul l-aċċessjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 291, 26.10.2016, p. 7).

▼B

Artikolu 39

Regoli speċifiċi applikabbli għat-tewm importat minn ċerti pajjiżi

1. It-tewm li joriġina mill-Iran, il-Libanu, il-Malasja, it-Tajwan, l-Emirati Għarab Magħquda jew il-Vjetnam jista' jiġi rilaxxat biss għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiġi ppreżentat ċertifikat tal-oriġini li jkun inħareġ mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' dak il-pajjiż f'konformità mal-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament (UE) 2015/2447;

(b) il-prodott ikun ġie ttrasportat direttament mill-pajjiż tal-oriġini lejn l-Unjoni.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, prodott għandu jitqies li huwa ttrasportat direttament lejn l-Unjoni meta:

(a) jiġi ttrasportat minn pajjiż terz lejn l-Unjoni, mingħajr ma jgħaddi mit-territorju ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor;

(b) jiġi ttrasportat minn pajjiż terz wieħed jew aktar li ma jkunux il-pajjiż ta' oriġini, bi trasbord jew ħażniet temporanji f'dawk il-pajjiżi jew mingħajrhom, dment li tali passaġġ ikun iġġustifikat minħabba raġunijiet ġeografiċi jew minħabba ħtiġijiet ta' trasport u dment li l-prodott:

(i) ikun baqa' taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż jew pajjiżi tat-trasbord jew tal-ħażna;

(ii) ma jkunx tpoġġa f'ċirkolazzjoni libera jew ikun ġie rilaxxat għall-konsum fil-pajjiż jew fil-pajjiżi ta' tranżitu jew ta' ħażna;

(iii) ma jkunx għadda minn operazzjonijiet fil-pajjiż jew fil-pajjiżi ta' tranżitu jew ta' ħażna ħlief għal ħatt u tagħbija mill-ġdid jew kwalunkwe operazzjoni oħra biex iżommuh f'kundizzjoni tajba.

3. Prova li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(b) ġew issodisfati għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Din għandha tkun tikkonsisti minn:

(a) dokument ta' trasport maħruġ fil-pajjiż ta' oriġini li jkopri l-passaġġ minn ġol-pajjiż jew pajjiżi ta' transitu; jew

(b) ċertifikat li jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż jew tal-pajjiżi ta' tranżitu u li jkun fih:

(i) deskrizzjoni preċiża tal-oġġetti;

▼B

(ii) id-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid, b'partikolarijiet li jidentifikaw il-vetturi tat-trasport użati;

(iii) dikjarazzjoni li tiċċertifika l-kundizzjonijiet li l-prodotti kienu miżmumin fihom;

(c) meta l-prova msemmija fil-punti (a) jew (b) ma tkunx tista' tiġi pprovduta, kwalunkwe dokument ieħor ta' prova.

▼M4

_____

▼B

Taqsima 2

Faqqiegħ

Artikolu 41

Kwoti tariffarji

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' faqqiegħ ippreservat tal-ġeneru Agaricus, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Il-volum ta' kull kwota tariffarja, il-perjodu jew is-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni li għalihom tapplika kif ukoll in-numru tal-ordni huma speċifikati fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU 6

Ċanga u vitella

Artikolu 42

Kwoti tariffarji u kwantitajiet

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam iffriżat ta' annimali bovini, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mir-Regolament (KE) Nru 1095/96, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mir-Regolament (KE) Nru 1095/96, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċanga friska, imkessħa u ffriżata ta' kwalità għolja, u għal-laħam tal-buflu ffriżat, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

▼B

Skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE, Euratom ([26]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam imnixxef bla għadam ta' annimali bovini u annimali bovini ħajjin soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li ġie approvat mid-Deċiżjoni 2004/239/KE, il-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2008/474/KE ([27]), il-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/36/KE ([28]), il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2010/224/UE, Euratom ([29]), u l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo ([30]), min-naħa l-oħra, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/342 ([31]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' baby beef soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/269/KE ([32]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċanga jew vitella friska, imkessħa jew iffriżata, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

([26]) Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni dwar il-Ftehim dwar Kooperazjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

([27]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/474/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Proviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra (ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10).

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/36/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Provviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 28, 30.1.2010, p. 1).

([29]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2010/224/UE, Euratom tat-29 ta' Marzu 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra (ĠU L 108, 29.4.2010, p. 1).

([30]) Din id-dežinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u tikkonforma mal-UNSC 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([31]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/342 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (ĠU L 71, 16.3.2016, p. 1).

([32]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/269/KE tat-28 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra (ĠU L 84, 2.4.2005, p. 19).

▼B

Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li għandu x'jaqsam mal-emendi fil-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/106/KE ([33]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċanga ffriżata maħsuba għall-ipproċessar, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra li l-applikazzjoni proviżorja tiegħu ġiet approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 ([34]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam ta' annimali bovini u majjal, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1247 ([35]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċanga friska u ffriżata, laħam tal-majjal frisk u ffriżat, bajd, prodotti tal-bajd u albumini soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Il-kwoti tariffarji fuq iċ-ċanga u l-vitella u l-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom huma stipulati fl-Anness VIII.

Artikolu 43

Regoli speċifiċi applikabbli għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi u għall-kwota tariffarja 09.4002

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-kwoti tariffarji ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi u għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4002.

([33]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/106/KE tat-30 ta' Jannar 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 47, 17.2.2006, p. 52).

([34]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

([35]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1247 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, għajr għad-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-parti l-oħra (ĠU L 181, 12.7.2017, p. 1).

▼B

2. Malli l-kwantitajiet importati skont il-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera, l-importatur għandu jippreżenta lill-awtorità doganali liċenzja tal-importazzjoni u ċertifikat ta' awtenticità jew kopja tagħhom.

3. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom jitfasslu skont il-mudell stipulat fl-Anness XIV.

4. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom jimtlew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew tal-pajjiż esportatur.

5. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtoritajiet tal-ħruġ.

6. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom ikunu validi biss jekk ikunu mimlijin u approvati kif suppost mill-awtorità tal-ħruġ fil-pajjiż terz tal-oriġini msemmi fl-Anness għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni kkonċernata.

7. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom jitqiesu li ġew approvati kif xieraq jekk ikunu jinkludu d-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni awtorizzati li jiffirmawhom.

8. Il-kwantitajiet ipprovduti fuq liċenzja tal-importazzjoni għandhom jitqassmu skont il-kodiċi NM.

▼M6

9. Il-liċenzji tal-importazzjoni li jinħarġu għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4002 għandhom ikunu validi għal tliet xhur mid-dati tal-ħruġ rispettivi tagħhom. Il-liċenzji li jinħarġu qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwota tariffarja għandhom ikunu validi għal tliet xhur mill-1 ta' Lulju.

▼B

10. L-applikazzjonijiet għall-kwota tariffarja 09.4002 jistgħu jkopru, għall-istess numru tal-ordni tal-kwota, wieħed jew aktar mill-prodotti koperti bil-kodiċijiet NM jew gruppi ta' kodiċijiet NM elenkati fil-Parti A tal-Anness XV għal din il-kwota tariffarja. Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jkopru bosta kodiċijiet NM, għandha tiġi speċifikata l-kwantità rispettiva li għaliha tkun qed titressaq applikazzjoni skont il-kodiċi NM jew il-grupp tal-kodiċijiet NM. Il-kodiċijiet NM kollha għandhom ikunu indikati fit-taqsima 16 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji u d-deskrizzjoni tagħhom għandha tkun indikata fit-Taqsima 15 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji.

Artikolu 44

Applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-kwoti tariffarji ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi u l-ħruġ tagħhom

1. It-Taqsima 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni speċifikata, għall-kwota tariffarja rilevanti, fil-kaxxa "entrati speċifiċi li għandhom isiru fuq il-liċenzja" tal-Anness VIII.

2. Mal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni, l-applikanti għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikat ta' awtenticità u kopja tiegħu lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzji tal-importazzjoni biss meta jkunu sodisfatti li l-informazzjoni kollha fuq iċ-ċertifikat ta' awtenticità tikkorrispondi għal dik li l-Kummissjoni tirċievi kull ġimgħa.

Meta tkun ġiet ippreżentata biss kopja taċ-ċertifikat ta' awtenticità jew meta tkun ġiet ippreżentata l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtenticità iżda l-informazzjoni f'dak id-dokument ma tkunx f'konformità mal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-applikant għal-liċenzja jippreżenta garanzija addizzjonali skont l-Artikolu 45.

▼B

Artikolu 45

Garanziji addizzjonali applikabbli għal kwoti tariffarji ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi

1. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(2), l-applikanti għal-liċenzja għandhom jippreżentaw garanzija addizzjonali ugwali għall-ammont li jikkorrispondi, għall-prodotti kkonċernati, għad-dazju tal-Pajjiż l-Aktar Favorit skont it-Tariffa Doganali Komuni applikabbli fil-jum li fih titressaq it-talba għal-liċenzja tal-importazzjoni.

Madankollu, tali garanzija addizzjonali m'għandhiex tkun meħtieġa meta l-awtorità tal-pajjiż esportatur tkun ipprovdiet kopja taċ-ċertifikat ta' awtentiċità permezz tas-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 72(8).

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-garanzija addizzjonali ladarba jirċievu l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtentiċità u jkunu sodisfatti li l-kontenut tiegħu jikkorrispondi għall-informazzjoni li tirċievi l-Kummissjoni.

3. L-ammont tal-garanzija addizzjonali li ma jkunx ġie rilaxxat għandu jintilef u jinżamm bħala dazji doganali.

Artikolu 46

Kwoti tariffarji għaċ-ċanga u l-vitella friski u ffriżata li joriġinaw mill-Kanada

1. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' laħam taċ-ċanga u vitella friski jew iffriżati li joriġinaw mill-Kanada għandu jiddependi fuq il-produzzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oriġini. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandha tingħata fuq fattura jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju b'dettalji suffiċjenti li jippermettu li jiġi identifikat. It-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jiġi stipulat fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra.

2. Il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XVI għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit fil-piż tal-karkassa ekwivalenti għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4280 u 09.4281.

3. Sabiex tiġi kkalkolata l-prova ta' kummerċ u, fejn applikabbli, il-kwantità referenzjali, il-piż għandu jiġi kkoreġut billi jintużaw il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XVI.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jitressqu fl-ewwel 7 ijiem tat-tieni xahar li jiġi qabel kull subperjodu msemmi fl-Anness VIII.

5. Jekk jibqgħu disponibbli kwantitajiet wara l-ewwel perjodu ta' applikazzjoni f'subperjodu partikolari, l-applikanti eliġibbli jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet ġodda għal-liċenzji tal-importazzjoni matul iż-żewġ perjodi ta' applikazzjoni li jkun imiss, skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. F'tali każijiet, l-operaturi tan-negozju tal-ikel bi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]) jistgħu japplikaw mingħajr ma jippreżentaw prova tal-kummerċ.

([36]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

▼B

6. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mit-23 jum sa tmiem ix-xahar li fih ikunu tressqu l-applikazzjonijiet.

7. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 5 xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/1239 jew mid-data tal-bidu tas-subperjodu li għalih tkun inħarġet il-liċenzja tal-importazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Madankollu, il-liċenzja tal-importazzjoni m'għandhiex tiskadi aktar tard mill-31 ta' Diċembru.

8. Id-detenturi tal-liċenzji jistgħu jirritornaw kwantitajiet tal-liċenzji mhux użati qabel l-iskadenza tal-liċenzja u sa mhux aktar tard minn 4 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu tal-kwota tariffarja. Kull detentur tal-liċenzja jista' jirritorna sa 30 % tal-kwantità tal-liċenzja individwali tiegħu.

9. Meta parti mill-kwantità tal-liċenzja tiġi rritornata skont il-paragrafu 8, 60 % tal-garanzija korrispondenti għandha tiġi rrilaxxata.

Artikolu 47

Dispożizzjonijiet komuni

1. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom ikunu validi għal tliet xhur mid-dati tal-ħruġ tagħhom u fi kwalunkwe każ mhux aktar mill-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

2. Il-kwantitajiet innotifikati għandhom jiġu espressi f'kilogrammi ta' piż ta' prodott u, fejn applikabbli, jiġu kkonvertiti f'piż ta' prodott ekwivalenti mingħajr għadam.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "laħam iffriżat" tfisser laħam li jkollu temperatura interna ta' – 12 °C jew inqas meta jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni.

KAPITOLU 7

Ħalib u prodotti tal-ħalib

Taqsima 1

Kwoti tal-importazzjoni

Artikolu 48

Kwoti tariffarji

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE, id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim kummerċjali tal-prodotti agrikoli ([37]), il-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel li l-applikazzjoni proviżorja tiegħu ġiet approvata mid-Deċiżjoni

([37]) Id-Decision Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim kummerċjali tal-prodotti agrikoli - Protokoll 1 dwar ir-reġim preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mit-Turkija - Protokoll 2 dwar ir-reġim preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni fit-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Komunità - Protokoll 3dwar ir-regoli tal-oriġini - Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino - Dikjarazzjoni Konġunta (ĠU L 86, 20.3.1998, p. 1).

▼B

1999/753/KE ([38]), il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli li ġie approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE/Euratom, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ċerti prodotti agrikoli li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/818/UE ([39]), il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM li ġie approvat mid-Deċiżjoni 2008/805/KE ([40]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, li ġie approvat mid-Deċiżjoni (UE) 2017/1247, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-**Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli**, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 ([41]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-kwoti tariffarji tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u l-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom huma stipulati fl-Anness IX.

Artikolu 49

Kwota tariffarja tal-ġobon minn New Zealand

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4514 u 09.4515.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jindikaw in-numru tas-serje taċ-ċertifikat IMA 1 fit-Taqsima 31 tal-liċenzja tal-importazzjoni.

3. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jitfasslu skont il-mudell stipulat fl-Anness XIV.

([38]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/753/KE tad-29 ta' Lulju 1999 dwar l-applikazzjoni temporanja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn min-naħa l-waħda l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u min-naħa l-oħra r-Repubblika ta' l-Afrika t' Isfel (ĠU L 311, 4.12.1999, p. 1).

([39]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/818/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 327, 9.12.2011, p. 1).

([40]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/805/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 289, 30.10.2008, p. 1).

([41]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 274, 24.10.2017, p. 57).

▼B

Artikolu 50

Kwoti tariffarji tal-butir minn New Zealand

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4195 u 09.4182.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jindikaw in-numru tas-serje taċ-ċertifikat IMA 1 fit-Taqsima 31 tal-liċenzja tal-importazzjoni.

3. Il-kliem "ta' mill-anqas sitt ġimgħat" fid-deskrizzjoni tal-kwoti tariffarji għall-butir minn New Zealand ifisser li dan jkun ilu li ġie prodott mill-anqas sitt ġimgħat mid-data li fiha tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni lill-awtoritajiet doganali.

4. Fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-butir li joriġina minn New Zealand u li jiġi importat fl-Unjoni, l-oriġini ta' New Zealand għandha tiġi mmarkata fuq l-imballaġġ tiegħu u fuq il-fattura korrispondenti. Meta l-butir li jkun joriġina minn New Zealand ikun imħallat ma' butir li joriġina mill-Unjoni u meta l-butir imħallat ikun maħsub għal konsum dirett u jiġi kkummerċjalizzat f'pakketti ta' 500 gramma jew anqas, l-oriġini ta' New Zealand tal-butir imħallat għandha tiġi ddikjarata biss fuq il-fattura korrispondenti.

5. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jitfasslu skont il-mudell stabbilit fl-Anness XIV.

6. B'deroga mill-Artikolu 5(1), għall-kwota tariffarja tal-butir minn New Zealand bin-numru tal-ordni 09.4195, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni m'għandhomx ikopru, għal kull applikant, aktar minn 125 % tal-kwantitajiet li l-applikant ikun ħareġ għal ċirkolazzjoni libera bin-numri tal-ordni tal-kwota tariffarja 09.4195 u 09.4182, matul il-perjodu ta' 24 xahar ta' qabel ix-xahar ta' Novembru li jiġi qabel il-perjodu tal-kwota tariffarja.

7. B'deroga mill-Artikolu 5(1), għall-kwota tariffarja tal-butir minn New Zealand bin-numru tal-ordni 09.4182, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni m'għandhomx ikopru, għal kull applikant, inqas minn 20 tunnellata u aktar minn 10 % tal-kwantità disponibbli għas-subperjodu tal-kwota tariffarja.

8. Il-kwantitajiet innotifikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet kompetenti għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4195 u 09.4182 għandhom jitqassmu skont il-kodiċi NM.

Artikolu 51

Monitoraġġ tal-piż u l-kontenut ta' xaħam tal-butir li joriġina minn New Zealand

1. Ir-regoli għall-monitoraġġ tal-piż u l-kontenut tax-xaħam u l-konsegwenzi ta' tali monitoraġġ huma stabbiliti fil-Parti A.3 tal-Anness XIV.5. Il-kontroll fuq id-dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għandu jinkludi l-kontrolli stipulati fl-Anness XIV. Meta l-butir ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni, il-preferenza tariffarja m'għandhiex tingħata għall-kwantità kollha

▼B

koperta mid-dikjarazzjoni doganali rilevanti. Ladarba tiġi stabbilita n-nuqqas ta' konformità u d-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tiġi aċċettata, l-awtoritajiet doganali għandhom jiġbru d-dazju tal-importazzjoni stabbilit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([42]). L-operatur jista' jirritorna l-liċenzja għall-kwantità mhux konformi, f'liema każ l-awtorità li toħroġ il-liċenzja għandha tinnotifika din il-kwantità bħala mhux użata, u l-garanzija korrispondenti għandha tiġi rrilaxxata.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ li jitwettaq f'kull tliet xhur skont il-Parti A.3 tal-Anness XIV.5 sal-10 jum tal-ewwel xahar tat-tliet xhur ta' wara. Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni ġenerali:

(i) l-isem tal-manifattur tal-butir;

(ii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(iii) id-daqs tal-lott f'kg;

(iv) id-data tal-kontrolli (jum/xahar/sena);

(b) il-kontrolli fuq il-piż: id-daqs tal-kampjun każwali (numru ta' kartuni);

(c) *data* fir-rigward tal-medja:

(i) il-medja aritmetika tal-piż nett għal kull kartuna f'kg (kif speċifikat fiċ-ċertifikat IMA 1 - kaxxa 9);

(ii) il-medja aritmetika tal-piż nett tal-kartun inkluż fil-kampjun f'kg;

(iii) jekk il-medja aritmetika tal-piż nett iddeterminata fl-Unjoni turix differenza sinifikanti għall-valur iddikjarat (N= le, Y = iva);

(d) *data* fir-rigward tad-devjazzjoni standard:

(i) id-devjazzjoni standard tal-piż nett għal kull kartuna f'kg (kif speċifikat fiċ-ċertifikat IMA 1- kaxxa 9);

(ii) id-devjazzjoni standard tal-piż nett tal-kartun inkluż fil-kampjun (kg);

(iii) jekk id-devjazzjoni standard tal-piż nett iddeterminat fl-Unjoni turix differenza sinifikanti għall-valur iddikjarat (N= le, Y = iva);

(e) kontrolli tal-kontenut tax-xaħam;

(f) id-daqs tal-kampjun każwali (numru ta' kartun);

([42]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

▼B

(g) *data* fir-rigward tal-medja:

(i) il-medja aritmetika tal-kontenut tax-xaħam tal-kartun inkluż fil-kampjun f'% ta' xaħam;

(ii) jekk il-medja aritmetika tal-kontenut tax-xaħam iddeterminata mill-Unjoni taqbiżx l-84,4 % (N= le, Y = iva).

Artikolu 52

Kwoti tariffarji tal-ħalib ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi

1. Il-kwoti tariffarji ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi huma elenkati fl-Anness I.

2. Il-liċenzji tal-importazzjoni għal dawk il-kwoti tariffarji għandhom ikopru l-kwantità netta totali indikata fiċ-ċertifikat IMA 1.

Artikolu 53

Ċertifikat IMA 1 għall-prodotti tal-ħalib

1. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jitfasslu skont il-mudell stabbilit fl-Anness XIV. Madankollu, il-kaxxa 3, relatata max-xerrej, u l-kaxxa 6, relatata mal-pajjiż tad-destinazzjoni, m'għandhomx jimtlew.

Kull ċertifikat IMA 1 għandu jkollu numru tas-serje assenjat mill-korp tal-ħruġ. Għandu jitħejja ċertifikat IMA 1 separat għal kull tip ta' prodott imsemmi fl-Anness IX.

2. Iċ-ċertifikat għandu jkopri l-kwantità totali ta' prodotti maħsuba biex jitilqu mit-territorju tal-pajjiż tal-ħruġ.

3. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sa tmiem it-tmien xahar wara l-ħruġ tagħhom. M'għandhomx jibqgħu validi wara l-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkunu nħarġu.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, iċ-ċertifikati IMA 1 validi mill-1 ta' Jannar jistgħu jinħarġu mill-1 ta' Novembru tas-sena ta' qabel. Madankollu, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni relatati jistgħu jitressqu biss mill-ewwel jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

5. Iċ-ċirkostanzi li taħthom jistgħu jiġu kkanċellati, emendati, issostitwiti jew ikkorreġuti ċ-ċertifikati IMA 1 huma stabbiliti fl-Anness XIV.

▼M3

6. Għandha tiġi ppreżentata kopja awtentikata kif xieraq taċ-ċertifikat tal-IMA 1, flimkien mal-liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti u l-prodotti relatati magħha, lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni fl-istess ħin li fih titressaq id-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

▼B

Artikolu 54

Korpi li joħorġu IMA 1

1. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom ikunu validi biss jekk jimtlew u jkunu awtentikati kif xieraq minn korp tal-ħruġ elenkat fl-Anness XIV. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jitqiesu bħala awtentikati kif xieraq meta jkunu juru d-data u l-post tal-ħruġ, ikunu ttimbrati mill-korp tal-ħruġ u jkollhom il-firma tal-persuna awtorizzati biex tiffirmahom.

2. Il-korpi tal-ħruġ għandhom jiġu elenkati fl-Anness XIV biss jekk:

(a) ikunu rikonoxxuti bħala tali mill-pajjiż tal-esportazzjoni;

(b) jimpenjaw ruħhom li jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membru, meta mitluba, b'kull informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu eżaminati l-partikolaritajiet imniżżla fiċ-ċertifikati;

(c) jimpenjaw ruħhom li jibagħtu lill-Kummissjoni kopja ta' kull ċertifikat IMA 1 awtentikat bin-numru tal-identifikazzjoni relatat u l-kwantità totali koperta fid-data tal-ħruġ jew sa mhux aktar tard minn sebat ijiem minn dik id-data u, fejn ikun xieraq, li jinnotifikaw kull kanċellazzjoni, korrezzjoni jew emenda; Tali sottomissjoni għandha ssir permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 72(8);

(d) fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406, fejn il-pajjiż esportatur li joħroġ iċ-ċertifikati IMA 1 ma jkollux aċċess għas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 72(8), huwa għandu jimpenja ruħu li jinnotifika lill-Kummissjoni sal-15 ta' Jannar, għal kull kwota separatament, dwar:

(i) l-għadd totali ta' ċertifikati IMA 1 li jkunu nħarġu għas-sena tal-kwota preċedenti, in-numru ta' identifikazzjoni ta' kull ċertifikat IMA 1 u l-kwantità koperta minnu;

(ii) l-għadd totali ta' ċertifikati IMA 1 maħruġa għall-perjodi tal-kwoti tariffarji kkonċernat u l-kwantità totali koperta minn dawk iċ-ċertifikati; u

(iii) il-kanċellazzjoni, il-korrezzjoni jew l-emenda ta' dawk iċ-ċertifikati IMA 1 jew il-ħruġ ta' kopji taċ-ċertifikati IMA 1, kif stipulat fl-Anness XIV, u d-dettalji kollha rilevanti tagħhom.

3. Meta korp tal-ħruġ ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati f'dan l-Artikolu, dan għandu jitneħħa mill-Anness XIV.

Taqsima 2

Kwoti tal-esportazzjoni

Artikolu 55

Kwota għall-esportazzjoni tat-trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominikana

1. Skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Cariforum, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, hija miftuħa kwota tariffarja għall-esportazzjonijiet lejn ir-Repubblika Dominikana ta' trab tal-ħalib li joriġina mill-UE, soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

▼B

2. Kwota tal-esportazzjoni ta’ 22 400 tunnellata tal-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0402 10, 0402 21 u 0402 29 għandha tiġi allokata lill-esportaturi tal-Unjoni.

3. Il-perjodu tal-kwota għandu jdum mill-1 ta’ Lulju sat-30 ta’ Ġunju tas-sena ta’ wara.

4. L-esportaturi tal-Unjoni għandhom ikunu operaturi li isimhom u n-numru EORI tagħhom ikunu jidhru fuq id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni rilevanti. Dawn għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Dominikana, għal kull kunsinna, kopja ċċertifikata tal-liċenzja tal-esportazzjoni u kopja approvata kif xieraq tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.

5. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jitressqu għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0402 10, 0402 21 u 0402 29, li ġew prodotti kompletament fl-Unjoni mill-ħalib prodott kollu kemm hu fl-Unjoni. L-applikanti għandhom jiddikjaraw bil-miktub li dawn il-kundizzjonijiet ġew issodisfati. Huma għandhom ukoll jimpenjaw ruħhom, bil-miktub, li jipprovdu, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, evidenza li dawn il-kundizzjonijiet ġew issodisfati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw l-evidenza pprovduta permezz ta’ kontrolli fuq il-post.

Artikolu 56

Regoli addizzjonali applikabbli għal-liċenzji tal-esportazzjoni li jinħarġu għat-trab tal-ħalib taħt il-kwota miftuħa mir-Repubblika Dominikana

1. Il-liċenzji li jinħarġu taħt il-kwota miftuħa mir-Repubblika Dominikana għandhom iwasslu għal obbligu ta’ esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana.

2. Il-garanzija għal liċenzja għandha tiġi rilaxxata malli tiġi ppreżentata l-prova msemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, u ta’ dan li ġej:

(a) kopja tal-Polza ta’ Kargu jew tal-Polza tat-Trasport jew tal-Polza tal-Vjeġġ bl-Ajru extra-Ewropea elettronika jew stampata, skont il-każ, dwar il-prodotti li għalihom tressqet id-dikjarazzjoni doganali tal-esportazzjoni, li tiddikjara r-Repubblika Dominikana bħala d-destinazzjoni finali; jew

(b) kopja stampata tal-informazzjoni elettronika tal-intraċċar u l-insegwiment tat-trasport, iġġenerata b’mod indipendenti mill-esportatur, sa fejn tista’ tkun marbuta mad-dikjarazzjoni doganali tal-esportazzjoni, li tiddikjara r-Repubblika Dominikana bħala d-destinazzjoni finali.

3. L-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni u l-liċenzja tal-esportazzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) It-Taqsima 7 għandha tindika bħala l-pajjiż ta’ destinazzjoni r-“Repubblika Dominikana”; il-kaxxa “iva” f’dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata;

▼B

(b) It-Taqsima 20 għandha tindika:

“Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

Kwota tariffarja għall-1 ta’ Lulju 20… sat-30 ta’ Ġunju 20…, għat-trab tal-ħalib skont l-Appendiċi 2 tal-Anness III tal-Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tagħha ġew approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/805/KE”.

Artikolu 57

Koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għall-kwota tal-esportazzjoni tat-trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominikana

1. Meta jitressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji għal kwantitajiet ogħla mill-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-koeffiċjent tal-allokazzjoni. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni għandu jitnaqqas sal-eqreb kilogramma.

2. Jekk l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni tirriżulta fi kwantità ta’ anqas minn 20 tunnellata għal kull applikant, l-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet għal-liċenzja tagħhom. F’tali każijiet, dawn għandhom jinnotifikaw lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji fi żmien tlett ijiem ta’ xogħol wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih wara li tasal tali notifika.

3. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem wara l-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni, dwar il-kwantitajiet, imqassma skont il-kodiċi NM tal-prodott, li għalihom ikunu ġew irtirati l-applikazzjonijiet għal-liċenzja.

Artikolu 58

Kwoti tal-esportazzjoni tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika ta’ prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-UE u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f’dan ir-Regolament.

Il-volum ta’ kull kwota tariffarja u l-perjodu tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għal dik il-kwota huma speċifikati fl-Anness XIII ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 59

Liċenzji tal-esportazzjoni li jinħarġu skont il-kwoti tal-esportazzjoni tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika

1. Prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406 kif stabbilit fl-Anness XIII għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta’ liċenzja tal-esportazzjoni meta jiġu esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika skont:

▼B

(a) il-kwota addizzjonali skont il-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO;

(b) il-kwoti tariffarji li oriġinarjament jirriżultaw mill-Assemblea ta' Tokyo u jingħataw lill-Awstrija, lill-Finlandja u lill-Iżvezja mill-Istati Uniti fil-lista XX tal-Assemblea tal-Urugwaj;

(c) il-kwoti tariffarji li oriġinarjament jirriżultaw mill-Assemblea tal-Urugwaj u jingħataw lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija, lill-Polonja u lis-Slovakkja mill-Istati Uniti fil-lista XX tal-Assemblea tal-Urugwaj.

2. B'deroga mill-Artikolu 6, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti mill-1 sal-10 ta' Settembru tas-sena ta' qabel is-sena tal-kwota li għaliha jkunu ġew allokati l-liċenzji tal-esportazzjoni. L-applikazzjonijiet kollha għandhom jitressqu simultanjament quddiem l-awtorità li toħroġ il-liċenzji ta' Stat Membru.

3. It-taqsima 16 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandha turi l-kodiċi NM bi tmien ċifri. Madankollu, il-liċenzji għandhom ikunu validi wkoll għal kwalunkwe kodiċi oħra taħt l-intestatura NM 0406.

4. L-applikanti għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jipprovdu evidenza li l-importatur maħtur huwa sussidjarju tal-applikant.

5. L-applikanti għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jindikaw fl-applikazzjoni:

(a) id-deskrizzjoni tal-grupp tal-prodott kopert mill-kwota tal-Istati Uniti tal-Amerika skont in-Noti Adizzjonali 16 sa 23 u 25 fil-Kapitolu 4 tal-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika;

(b) l-ismijiet tal-prodotti skont l-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika;

(c) l-isem u l-indirizz tal-importatur fl-Istati Uniti tal-Amerika nnominat mill-applikant.

6. L-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni u l-liċenzja tal-esportazzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) It-Taqsima 7 għandha tindika bħala pajjiż ta' destinazzjoni "L-Istati Uniti tal-Amerika"; il-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata b'salib;

(b) It-Taqsima 20 għandha tindika:

(i) "Għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika:

(ii) Kwota għas-sena kalendarja xxxx — l-Artikoli 58 sa 63 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761;

(iii) Identifikazzjoni tal-Kwota: …;

(iv) Valida mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru xxxx";

▼B

(c) It-Taqsima 22 għandha tindika: “il-liċenzja hija valida għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt l-Intestatura 0406 tan-NM”.

7. Għal kull kwota identifikata fil-kolonna (3) tal-Anness XIV.5 - B1, kull applikant jista’ jressaq applikazzjoni għal liċenzja waħda jew aktar sakemm il-kwantità totali li għaliha tkun tressqet applikazzjoni għal kull kwota ma taqbiżx il-limiti massimi tal-kwantità stipulati fis-subparagrafi li ġejjin.

Għal dan il-għan, fejn, għall-istess grupp ta’ prodotti msemmija fil-kolonna (2) tal-Anness XIV.5 - B1, il-kwantità disponibbli fil-kolonna (4) tinqasam bejn il-kwotà tal-Assemblea tal-Urugwaj u l-kwota tal-Assemblea ta’ Tokyo, iż-żewġ kwoti għandhom jitqiesu bħala żewġ kwoti separati.

Fir-rigward tal-kwoti identifikati bħala 22-Tokyo, 22-Urugwaj, 25-Tokyo u 25-Urugwaj fil-kolonna (3) tal-Anness XIV.5 - B1, il-kwantità totali li għaliha tkun tressqet applikazzjoni għal kull applikant u għal kull kwota għandha tkopri mill-inqas 10 tunnellati u m’għandhiex taqbeż il-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata kif stipulat fil-kolonna (4) ta’ dak l-Anness.

Fir-rigward tal-kwoti l-oħra identifikati fil-kolonna (3) tal-Anness XIV.5 - B1, il-kwantità totali li għaliha tkun tressqet applikazzjoni għal kull applikant u għal kull kwota għandha tkopri mill-inqas 10 tunnellati u mhux aktar minn 40 % tal-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata kif stipulat fil-kolonna (4) ta’ dak l-Anness.

▼M3

8. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni mill-importatur innominat tal-Istati Uniti li tiddikjara l-eliġibbiltà tiegħu għall-importazzjoni skont ir-regoli tal-Istati Uniti dwar il-liċenzjar tal-importazzjoni tal-kwota tariffarja għall-ħalib stipulati fil-parti 6 tas-sottotitolu A tat-Titolu 7 tal-Kodiċi tar-Regolamenti Federali. Fil-każ ta’ applikazzjoni elettronika, tista’ tiġi ppreżentata kopja elettronika ta’ din id-dikjarazzjoni.

▼B

9. L-informazzjoni dwar il-kwoti miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika għandha tiġi pprovduta flimkien mal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni u għandha tiġi ppreżentata skont il-mudell stabbilit fl-Anness XIV.

10. B’deroga mill-Artikolu 11 ta’ dan ir-Regolament, il-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jinħarġu sal-15 ta’ Diċembru tas-sena ta’ qabel is-sena tal-kwota għall-kwantitajiet li għalihom jiġu allokati l-liċenzji.

Artikolu 60

Rilaxx ta’ garanziji taħt il-kwoti tal-esportazzjoni tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika

Il-garanzija għal liċenzja għandha tiġi rilaxxata malli tiġi ppreżentata l-prova stipulata fl-Artikolu 14(4) u (5) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 u ta’ dan li ġej:

(a) kopja tal-Polza ta’ Kargu jew tal-Polza tat-Trasport jew tal-Polza tal-Vjeġġ bl-Ajru extra-Ewropea elettronika jew stampata, skont il-każ, dwar il-prodotti li għalihom tkun tressqet id-dikjarazzjoni doganali tal-esportazzjoni, li tindika l-Istati Uniti tal-Amerika bħala d-destinazzjoni finali; jew

▼B

(b) kopja stampata tal-informazzjoni elettronika dwar l-intraċċar u l-insegwiment tat-trasport, iġġenerata b'mod indipendenti mill-esportatur, sa fejn tista' tkun marbuta mad-dikjarazzjoni doganali tal-esportazzjoni, li tindika l-Istati Uniti tal-Amerika bħala d-destinazzjoni finali.

Artikolu 61

Notifiki relatati mal-kwoti tal-esportazzjoni tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika

1. Sat-18 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjonijiet li jkunu tressqu għal kull waħda mill-kwoti tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika. Il-fatt li ma tkun tressqet l-ebda applikazzjoni għandu jiġi nnotifikat ukoll.

2. Għal kull kwota, in-notifika għandha tinkludi:

▼M3

(a) lista tal-applikanti, li tiddikjara l-isem, l-indirizz u n-numru EORI tagħhom, jekk applikabbli;

▼B

(b) il-kwantitajiet li għalihom tkun tressqet applikazzjoni minn kull applikant, imqassma skont il-kodiċi NM u skont il-kodiċi tal-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika;

(c) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' referenza tal-importatur innominat mill-applikant.

3. ►M3 Mhux aktar tard minn ◄ il-15 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet, imqassma skont il-kodiċi NM, li għalihom ikunu ħarġu l-liċenzji.

Artikolu 62

Koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għall-kwoti tal-esportazzjoni tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika

1. B'deroga mill-Artikolu 10, meta l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal kwota jaqbżu l-kwantità disponibbli għas-sena kkonċernata, il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tippubblika koeffiċjent tal-allokazzjoni sal-31 ta' Ottubru. Jekk ikun meħtieġ, jista' jiġi applikat koeffiċjent tal-allokazzjoni ogħla minn 100 %.

2. Meta, minħabba l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni, il-kwantitajiet allokati jkunu inqas minn 10 tunnellati għal kull kwota għal applikant, l-applikant jista' jirtira l-applikazzjoni għal-liċenzja. F'tali każijiet, l-applikant għandu jinnotifika lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji dwar dan fi żmien tlett ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fi żmien 10 ijiem kalendarji mill-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni, dwar il-kwantitajiet, imqassma skont il-kodiċi NM, li għalihom ġew irtirati l-applikazzjonijiet għal-liċenzji.

▼B

4. Meta l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni ma jaqbżux il-kwantità disponibbli għas-sena kkonċernata, il-Kummissjoni għandha talloka l-kwantitajiet li jifdal lill-applikanti b'mod li jkun proporzjonat għall-kwantitajiet li tkun tressqet applikazzjoni għalihom, billi jiġi ffissat koeffiċjent tal-allokazzjoni. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent għandu jitnaqqas għall-eqreb kg. F'dak il-każ, l-operaturi għandhom jgħarrfu lill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji tal-Istati Membri kkonċernati dwar il-kwantità supplementari li huma jaċċettaw, fi żmien ġimgħa mill-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni. Il-garanzija li għandha tiġi ppreżentata għandha tiżdied skont dan.

5. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fi żmien ġimagħtejn mill-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni dwar il-kwantitajiet supplementari li jkunu ġew aċċettati mill-operaturi, imqassma skont il-kodiċi NM.

Artikolu 63

Importaturi nnominati għall-kwoti tal-esportazzjoni tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika

1. L-ismijiet tal-importaturi nnominati u l-kwantitajiet allokati għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika.

2. Meta liċenzja tal-importazzjoni għall-kwantitajiet ikkonċernati ma tiġix allokata lill-importatur innominat, f'ċirkostanzi li ma jixħtux dubju fuq il-bona fede tal-operatur li jippreżenta dikjarazzjoni ta' eliġibbiltà skont ir-regoli tad-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti (USDA) dwar il-liċenzjar tal-importazzjoni ta' kwota tariffarja għall-ħalib stabbiliti fil-parti 6 tas-sottotitolu A tat-Titolu 7 tal-Kodiċi tar-Regolamenti Federali (CFR), l-operatur jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji biex jinnomina importatur ieħor li jkun iddikjarat fuq il-lista tal-USDA ta' importaturi approvati u kkomunikat skont il-paragrafu 1.

3. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tinnotifika lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun dwar il-bidla fl-importatur innominat u l-Kummissjoni għandha tinnotifika din il-bidla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika.

Artikolu 64

Esportazzjonijiet taħt il-kwota tal-ġobon miftuħa mill-Kanada

1. Skont il-Ftehim għall-konklużjoni tan-negozjati bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Iskambju ta' Ittri relatat miegħu, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/591/KE ([43]), hija miftuħa kwota tariffarja għall-esportazzjonijiet lejn il-Kanada ta' ġobon, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([43]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/591/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-konklużjoni tar-riżultati tan-negozjati ma' ċerti pajjiżi terzi skont l-Artikolu XXIV: 6 tal-GATT u kwistjonijiet relatati oħra (l-Istati Uniti u l-Kanada) (ĠU L 334, 30.12.1995, p. 25).

▼B

Il-volum tal-prodotti u l-perjodu tal-kwota tariffarja għal dik il-kwota huma speċifikati fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament.

2. Għandha tkun meħtieġa liċenzja tal-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-ġobon lejn il-Kanada skont dik il-kwota kif stabbilit fl-Anness XIII.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom ikunu ammissibbli biss meta l-applikanti jiddikjaraw bil-miktub li l-materjal kollu li jaqa' taħt il-Kapitolu 4 tan-Nomenklatura Magħquda u li jintuża fil-manifattura tal-prodotti koperti mill-applikazzjoni tagħhom ikun ġie prodott kollu kemm hu fl-Unjoni minn ħalib prodott kollu kemm hu fl-Unjoni. L-applikanti għandhom ukoll jimpenjaw ruħhom bil-miktub, li jipprovdu, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, evidenza li dawk il-kundizzjonijiet ġew issodisfati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw dik l-evidenza permezz ta' kontrolli fuq il-post.

4. L-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni u l-liċenzja tal-esportazzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) It-Taqsima 7 għandha tindika bħala pajjiż ta' destinazzjoni "Il-Kanada"; il-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata;

(b) Fit-Taqsima 15, id-deskrizzjoni b'sitt ċifri tal-oġġetti skont in-Nomenklatura Magħquda għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0406 10, 0406 20, 0406 30 u 0406 40 u d-deskrizzjoni bi tmien ċifri għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406 90. It-taqsima 15 ma jistax ikun fiha aktar minn sitt prodotti deskritti b'dan il-mod;

(c) It-Taqsima 16 għandha tindika l-kodiċi NM bi tmien ċifri u l-kwantità f'kilogrammi għal kull wieħed mill-prodotti msemmija fit-Taqsima 15. Il-liċenzja għandha tkun valida biss għall-prodotti u l-kwantitajiet stabbiliti b'dan il-mod;

(d) It-Taqsimiet 17 u 18 għandhom jindikaw il-kwantità totali ta' prodotti msemmija fit-Taqsima 16;

(e) It-Taqsima 20 għandha tindika waħda mill-entrati li ġejjin, kif xieraq:

(i) "Ġobnijiet għall-esportazzjoni diretta lejn il-Kanada. L-Artikolu 64 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 — Kwota għas-sena kalendarja xxxx";

(ii) "Ġobnijiet għal esportazzjoni diretta/minn New York lejn il-Kanada. L-Artikolu 64 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 — Kwota għas-sena kalendarja xxxx".

Meta l-ġobon jiġi ttrasportat lejn il-Kanada permezz ta' pajjiżi terzi, tali pajjiżi għandhom ikunu indikati minflok, jew flimkien ma', referenza għal New York;

(f) It-Taqsima 22 għandha tindika: "mingħajr rifużjoni għall-esportazzjoni".

5. Meta japplika għal liċenzja tal-importazzjoni, detentur titolari ta' liċenzja tal-esportazzjoni għandu jippreżenta l-liċenzja tal-esportazzjoni oriġinali jew kopja ċċertifikata tal-liċenzja tal-esportazzjoni lill-awtorità kompetenti Kanadiża.

▼B

KAPITOLU 8

Laħam tal-majjal

Artikolu 65

Kwoti tariffarji

Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li ġie approvat mid-Deċiżjoni 2006/333/KE, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam tal-majjal, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Għal kull kwota tariffarja, il-volum tal-prodotti, in-numru tal-ordni u l-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni huma speċifikati fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 66

Kwoti tariffarji għal prodotti li joriġinaw mill-Kanada

1. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għal-laħam tal-majjal li joriġina mill-Kanada għandu jiddependi fuq it-tfassil tad-dikjarazzjoni tal-oriġini. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandha tingħata fuq fattura jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju b'dettalji suffiċjenti li jippermettu li jiġi identifikat. It-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jiġi stipulat fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra.

2. Il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XVI għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'piż ta'karkassa ekwivalenti għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4282.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jitressqu fl-ewwel 7 ijiem tat-tieni xahar qabel kull wieħed mis-subperjodi msemmija fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

4. Jekk jibqgħu disponibbli kwantitajiet wara l-ewwel perjodu ta' applikazzjoni f'subperjodu partikolari, l-applikanti eliġibbli jistgħu jressqu applikazzjonijiet ġodda għal-liċenzji tal-importazzjoni matul iż-żewġ perjodi ta' applikazzjoni li ġejjin, skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. F'tali każijiet, l-operaturi tan-negozji tal-ikel bi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistgħu japplikaw mingħajr ma jippreżentaw prova tal-kummerċ.

5. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mit-23 jum sa tmiem ix-xahar li fih ikunu tressqu l-applikazzjonijiet.

▼B

6. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 5 xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 jew id-data tal-bidu tas-subperjodu li għalih tinħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Madankollu, il-liċenzja tal-importazzjoni għandha tiskadi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru.

7. Id-detenturi tal-liċenzji jistgħu jirritornaw kwantitajiet tal-liċenzji mhux użati qabel l-iskadenza tal-liċenzja u sa mhux aktar tard minn 4 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu tal-kwota tariffarja. Kull detentur tal-liċenzja jista' jirritorna sa 30 % tal-kwantità tal-liċenzja individwali tiegħu.

8. Meta parti mill-kwantità tal-liċenzja tiġi rritornata skont il-paragrafu 7, 60 % tal-garanzija korrispondenti għandha tiġi rrilaxxata.

KAPITOLU 9

Bajd

Artikolu 67

Kwoti tariffarji

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni fis-settur tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Għal kull kwota tariffarja, il-volum tal-prodotti, in-numru tal-ordni u l-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni huma speċifikati fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 68

Konverżjonijiet tal-piż

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-piż għandu jiġi kkonvertit f'ekwivalenti ta' bajd bil-qoxra skont ir-rati standard tar-rendiment stabbiliti fil-Parti A tal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament. Ir-rati standard tar-rendiment għandhom japplikaw biss għal prodotti importati ta' kwalità tajba, ġenwina u kummerċjabbli li tkun konformi ma' kwalunkwe kwalità standard stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u bil-kundizzjoni li l-prodotti kumpensaturi ma jinkisbux b'metodi speċjali ta' pproċessar sabiex jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità.

2. Il-kwantità referenzjali għandha tiġi kkoreġuta permezz tal-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-Parti A tal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-piż tal-albumini tal-ħalib għandu jiġi kkonvertit f'ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra skont ir-rati standard ta' rendiment ta' 7,00 għall-albumini tal-ħalib imnixxfa (il-kodiċi NM 3502 20 91) u ta' 53,00 għall-albumini l-oħra tal-ħalib (il-kodiċi NM 3502 20 99) billi jintuża l-prinċipji ta' konverżjoni stabbilit fil-Parti A tal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-iskop tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4275, 09.4401 u 09.4402, il-kwantità totali għandha tiġi kkonvertita f'ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra.

▼B

5. Il-kwantitajiet innotifikati lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament għandhom jiġu espressi fi:

(a) kilogrammi ta' ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra għan-numri tal-ordni 09.4275, 09.4401 u 09.4402;

(b) kilogrammi ta' piż ta' prodott bin-numru tal-ordni 09.4276.

KAPITOLU 10

Laħam tat-tjur

Artikolu 69

Kwoti tariffarji

Skont il-Ftehimiet fil-forma ta' Minuti Miftiehma dwar ċerti żrieragħ taż-żejt bejn il-Komunità Ewropea u l-Arġentina, il-Brażil, il-Kanada, il-Polonja, l-Iżvezja u l-Urugwaj, rispettivament, skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/87/KE ([44]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam tat-tjur, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li ġew approvati mid-Deċiżjoni 94/800/KE, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam tat-tjur, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat tal-Iżrael dwar miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u s-sostituzzjoni tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Iżrael, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/917/KE ([45]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam tat-tjur, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li ġie approvat mid-Deċiżjoni 2006/333/KE, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam tat-tjur, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

([44]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/87/KE tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Minuti Miftehmin dwar ċerti żerriegħa taż-żejt bejn il-Komunità Ewropea u l-Arġentina, il-Brażil, il-Kanada, il-Polonja, l-Iżvezja u l-Urugwaj, rispettivament, skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) (ĠU L 47, 18.2.1994, p. 1).

([45]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/917/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-istat ta' Izrael fir-rigward ta' miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u s-sostituzzjoni tal-Protokolli 1 u 2 għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Iżrael-KE (ĠU L 346, 31.12.2003, p. 65).

▼B

Skont il-Ftehimiet taħt forma ta' Minuti Miftiehma bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Brażil, u bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT 1994) rigward it-tibdil fil-konċessjonijiet rigward il-laħam tat-tjur tal-irziezet, li ġew approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/360/KE ([46]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-laħam tat-tjur, soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati, li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ([47]), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam tat-tjur, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Għal kull kwota tariffarja, il-volum tal-prodotti, in-numru tal-ordni, u l-perjodu u s-subperjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni huma speċifikati fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU 11

Ikel tal-klieb u l-qtates

Artikolu 70

Liċenzji tal-esportazzjoni għall-ikel tal-klieb u l-qtates li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2309 10 90 u li jikkwalifika għal trattament speċjali tal-importazzjoni fl-Iżvizzera

1. Skont il-konċessjonijiet li saru fil-qafas taċ-Ċiklu tal-Urugwaj tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([48]), hija miftuħa kwota tariffarja għall-esportazzjonijiet lejn l-Iżvizzera ta' ikel tal-klieb u l-qtates li joriġina mill-UE, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

Għal dik il-kwota tariffarja, il-volum tal-prodotti u l-perjodu tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni huma speċifikati fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament.

([46]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/360/KE tad-29 ta' Mejju 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet taħt forma ta' Minuti Miftiehma bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Brażil, u bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT 1994) rigward it-tibdil fil-konċessjonijiet rigward il-laħam tat- tjur tal-irziezet (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 10).

([47]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 1).

([48]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

▼B

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom ikunu ammissibbli biss meta l-applikanti jiddikjaraw bil-miktub li l-materjal kollu użat fil-manifattura tal-prodotti koperti mill-applikazzjoni tagħhom ikun ġie prodott kollu kemm hu fl-Unjoni. L-applikanti għandhom ukoll jimpenjaw ruħhom, bil-miktub, li jipprovdu, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, evidenza li dawk il-kundizzjonijiet ġew issodisfati, u li jaċċettaw, fejn applikabbli, kwalunkwe kontroll minn dawk l-awtoritajiet tal-kontijiet u tal-kundizzjonijiet skont liema jiġu manifatturati l-prodotti kkonċernati. Jekk l-applikant ma jkunx il-manifattur tal-prodotti, għandu jippreżenta dikjarazzjoni simili u garanzija mill-manifattur b'appoġġ għall-applikazzjoni tiegħu.

3. B'deroga mill-Artikolu 71(1), il-liċenzja tal-esportazzjoni AGREX tista' tiġi ssostitwita b'fattura jew kwalunkwe dokument ieħor kummerċjali li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju b'dettalji suffiċjenti li jippermettu li jiġi identifikat.

KAPITOLU 12

Regoli komuni għal ċerti kwoti tariffarji elenkati fil-Kapitoli 6, 7 u 11

Artikolu 71

Regoli applikabbli għall-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi u soġġetti għal regoli speċifiċi tal-UE

1. L-esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għall-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni AGREX kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għal dawk il-kwoti tar-rati tariffarji għandhom ikunu ammissibbli biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 64(3) u fl-Artikolu 70(2).

▼M3

3. B'deroga mill-Artikolu 6, l-operaturi jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni għal liċenzja waħda kull xahar, u l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe jum, filwaqt li jitqies l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

▼B

4. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fl-iqsar żmien possibbli wara li jitressqu l-applikazzjonijiet ammissibbli.

5. Għandha tinħareġ kopja awtentikata tal-liċenza approvata jekk issir talba mill-parti kkonċernata.

6. Il-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jintużaw għal dikjarazzjoni waħda tal-esportazzjoni biss. Il-liċenzji għandhom jiġu eżawriti ladarba d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tkun ġiet aċċettata.

7. L-Artikolu 16 m'għandux japplika għal kwoti tariffarji tal-esportazzjoni ġestiti minn pajjiżi terzi.

▼B

Artikolu 72

Regoli speċifiċi applikabbli għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti maħruġa mill-pajjiżi esportaturi

1. Meta kwota tariffarja tal-importazzjoni tkun ġestita skont il-punt (iii) tal-Artikolu 187(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, id-dokument maħruġ minn pajjiż esportatur għandu jkun:

(a) ċertifikat ta' awtenticità (CA) għas-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella;

(b) formola ta' Arranġament ta' Monitoraġġ Attiv (IMA 1) għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib.

▼M3

2. B'deroga mill-Artikolu 6, l-operaturi jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni għal-liċenzja waħda fix-xahar, u l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe jum, b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

▼B

3. Bl-eċċezzjoni tal-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikoli 49 u 50, l-operaturi għandhom jippreżentaw lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji tal-Istat Membru tal-importazzjoni l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat tal-awtenticità jew taċ-ċertifikat IMA 1 flimkien mal-applikazzjoni tagħhom għal-liċenzja tal-importazzjoni. L-operatur għandu jipprovdi wkoll kopja taċ-ċertifikat tal-awtenticità jew taċ-ċertifikat IMA 1 jekk dan ikun mitlub mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji. L-applikazzjoni għandha ssir fil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' awtenticità jew taċ-ċertifikat IMA 1 u sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja kkonċernat.

▼M3

4. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tivverifika li l-informazzjoni mniżżla fuq iċ-ċertifikat ta' awtenticità u fuq iċ-ċertifikat tal-IMA 1 tikkorrispondi mal-informazzjoni li rċeviet mill-Kummissjoni. Jekk dan ikun il-każ u sakemm ma jingħatawx struzzjonijiet mod ieħor mill-Kummissjoni, l-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji għandha toħroġ il-liċenzji tal-importazzjoni mingħajr dewmien, sa mhux aktar tard minn sitt ijiem kalendarji minn meta tirċievi l-applikazzjoni ppreżentata ma' ċertifikat ta' awtenticità jew ma' ċertifikat tal-IMA 1.

▼B

5. Għandu jintuża ċertifikat wieħed ta' awtenticità jew ċertifikat IMA 1 għall-ħruġ ta' liċenzja waħda tal-importazzjoni biss.

▼M6

6. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tinnota fuq iċ-ċertifikat ta' awtenticità jew taċ-ċertifikat IMA 1 u fuq il-kopja tagħhom in-numru tal-ħruġ tal-liċenzja u l-kwantità li għaliha ntuża dak id-dokument. Il-kwantità għandha tiġi espressa f'unitajiet sħaħ, imqarrba għall-eqreb kilogramma f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Iċ-ċertifikat ta' awtenticità jew iċ-ċertifikat IMA 1 għandu jinżamm mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji. Il-kopja għandha tintbagħat lura lill-applikant biex tintuża għall-proċeduri doganali meta dan ikun indikat fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament.

▼B

7. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-pajjiż terz jawtorizza rappreżentanti tal-Kummissjoni biex, fejn meħtieġ, iwettqu kontrolli fuq il-post f'dak il-pajjiż terz. Dawk il-kontrolli għandhom jitwettqu flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat.

8. Ladarba l-pajjiż esportatur ikun ħareġ ċertifikat wieħed jew aktar ta' awtentiċità jew ċertifikati IMA 1, huwa għandu jikkomunika minnufih lill-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' dawn id-dokumenti. L-iskambju ta' dokumenti u informazzjoni bejn il-Kummissjoni u pajjiż esportatur għandu jsir permezz ta' sistema ta' informazzjoni stabbilita mill-Kummissjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185. Jekk ikun meħtieġ minn pajjiż terz, l-iskambju ta' dokumenti jista' jkompli jsir b'mezzi konvenzjonali, f'liema każ il-liċenzja tal-importazzjoni għandha ssir disponibbli għad-detentur titolari biss meta tiġi ppreżentata l-kopja oriġinali tad-dokument tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

9. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji u lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-kampjuni tat-timbri użati mill-awtorità tal-ħruġ fil-pajjiż tal-esportazzjoni għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-awtentiċità. L-ismijiet u l-firem tal-persuni awtorizzati li jiffirmaw iċ-ċertifikat tal-awtentiċità, ikkomunikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-esportazzjoni, għandhom isiru disponibbli wkoll għall-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. L-aċċess għall-bażi tad-data tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Eżemplari (SMS) li jkun fiha din l-informazzjoni għandu jkun ristrett għal persuni awtorizzati u għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri permezz ta' sistema ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 73

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-perjodi tal-kwota tariffarja mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' kwoti tariffarji miftuħa u r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4123	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4124	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4125	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4131	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4133	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4306	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4307	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4308	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4120	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva	Skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament	Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4121	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva	Skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament	Le
09.4122	Ċereali	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva	Skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament	Le
09.4112	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4116	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4117	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4118	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4119	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4127	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4128	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4129	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4130	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4138	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4148	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4149	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4150	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4153	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4154	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4166	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4168	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
▼M3							
09.4729	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4730	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4731	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
▼B							
09.4317	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4318	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4319	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4320	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4321	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4324	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4325	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4326	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4327	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4329	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4330	Zokkor	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4032	Żejt taż-żebbuġa	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
▼M4 _____							
▼B 09.4285	Frott u ħxejjex	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4287	Frott u ħxejjex	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4284	Frott u ħxejjex	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Le
09.4286	Frott u ħxejjex	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Le
▼M4 09.4288	Frott u ħxejjex	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4001	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4202	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4003	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Le
09.4004	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4181	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4198	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4199	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4200	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4002	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4270	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Le
09.4280	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4281	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4450	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4451	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4452	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4453	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4454	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4455	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4504	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4505	Ċanga u vitella	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4155	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4179	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4182	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4195	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4225	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4226	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4227	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4228	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4229	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4514	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4515	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4521	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4522	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: dokumenti maħruġa mill-pajjiż tal-esportazzjoni	Le	Le		Le
09.4595	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4600	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4601	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4602	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
Kwota tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Esportazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
Kwota tat-trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominikana	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Esportazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
Kwota tal-ġobon miftuħa mill-Kanada	Ħalib u prodotti tal-ħalib	Esportazzjoni	Pajjiż terz	Le	Le	31 ta' Diċembru	Le
09.4038	Laħam tal-majjal	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4170	Laħam tal-majjal	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4271	Laħam tal-majjal	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Le
09.4272	Laħam tal-majjal	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Le
09.4282	Laħam tal-majjal	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4275	Bajd	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4276	Bajd	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4401	Bajd	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4402	Bajd	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4067	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4068	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4069	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4070	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le

▼B

Numru/deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja	Settur	Tip ta' kwota	Metodu ta' ġestjoni	Rekwiżit tal-kwantità referenzjali stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Rekwiżit ta' prova tal-kummerċ stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Data tal-iskadenza tal-liċenzja	Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760
09.4092	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le
09.4169	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Le	Le		Le
09.4211	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4212	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4213	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4214	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva
09.4215	Laħam tat-tjur	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva

▼B

